MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2012

Appell Civili - Ghawdex Numru. 1/2011/1

**Christian Formosa u martu Antonia Formosa kif ordnat bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' Ottubru 2011.**

**Vs**

**Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat li fit-28 ta' Dicembru 2010, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ippronunzat is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*"It-Tribunal,*

*Ra t-talba ta' Christian Formosa datata 13 ta' Jannar, 2010 u r-risposta tal-intimat Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services datata 29 ta' Jannar, 2010.*

*Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lill-avukat tal-intimat u t-trattazzjoni tal-partijiet.*

*Ikkunsidra*

*Illi fi ftit kliem il-kwistjoni bejn il-partijiet tirrigwarda 'solar water heater' mixtri mir-rikorrent minghand l-intimat.*

*Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li ghalkemm Daniel Healey (li stalla l-'water heater') jallega nuqqas ta' "flow" ta' ilma li kien qed jikkawza il-hruq tal-element, dan ma ssemmiex fir-risposta tal-intimat.*

*Illi l-problemi fuq dan il-'water heater' bdew mal-ewwel kif inxtara.*

*Illi jinghad minghajr tlaqlieq li apparti l-mertu tal-kaz odjern, ir-rikorrent bhala konsumatur kellu jigi trattat b'mod different! u fil-hin.*

*Illi fil-mertu, l-konkluzjoni li wasal ghaliha dan it-Tribunal hi li kien hemm nuqqas ta' konformita fl-oggett mixtri filwaqt li qatt ma gie allegat uzu hazin tal-magna tal-hasil.*

*Illi konsegwentement il-kummercjant irid jipprovdi rimedju kif stabbilit fl-artikoli 74, 75 u 76 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li l-ghazla tax-xorta ta' rimedju hi f'idejn il-akonsumatur.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jordna lill-intimat Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services jaghti 'Sauber Solar Water Heater' gdid bhal dik mixtrija lir-rikorrent Christian Formosa bil-kunsinna u l-istallazzjoni jkunu a karigu tal-istess intimat Joseph Grech u dan fi zmien ghaxart ijiem mill-lum. F'kaz li l-intimat m' ghadx ghandu l-mudell maghzul, ir-rikorrent Christian Formoa*

*<u>jista` jaghzel</u> bejn jiehu l-flus lura u cioe s-somma ta' €1036.57 jew jiehu sistema ohra bl-ammont ta' €1036.57 jitnaqqas mill-prezz bil-kunsinna u l-istallazzjoni ssir minghajr hlas mill-intimat Joseph Grech."*

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales and Service datat 14 ta' Jannar 2011 fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur (Ghawdex) nhar it-Tlieta, tmienja u ghoxrin (28) ta' Dicembru 2010 fl-ismijiet premessi, tordna li l-kawza terga` tinstema' mill-gdid u sussegwentement tghaddi sabiex tiddeciedi l-kaz fuq il-mertu hija stess u dan a tenur tal-**artikolu 22 (4) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati.

Rat li l-appellati gew notifikati fit-30 ta' Marzu 2011 izda baqghu ma dahlux risposta.

Rat li nghatat sentenza minn din il-Qorti tal-Appell datata 19 ta' Ottubru 2011 fejn il-Qorti laqghet l-ewwel aggravvju tal-appellant fir-rikors tal-appell tieghu datat 14 ta' Jannar 2011 fejn iddikkjarat d-decizjoni tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur fl-ismijiet **"Christian Formosa vs Joseph Grech ezercenti l-kummerc bhala GDA Sales & Services"** bhala nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u ordnat wkoll li ssir korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawza u jizdiedu l-kliem "u martu Antonia Formosa" mal-isem tal-attur Christian Formosa.

Bl-ispejjez ta' dan l-appell riservati ghas-sentenza finali.

Rat li dan l-appell gie appuntat ghas-smigh ghat-18 ta' Jannar 2012 fejn d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza finali ghall-21 ta' Marzu 2012.

Rat l-atti kollha relattivi.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi wara li nghatat is-sentenza ta' din il-Qorti fid-19 ta' Ottubru 2011 u saru l-korrezzjonijiet fl-okkju jonqos li jigi deciz il-mertu tal-kaz fid-dawl tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jitolbu l-ammont ta' €1,036.57 rapprezentanti prezz ta' solar water heating system mixtrija minghand l-intimat fis-27 ta' Dicembru 2006 peress li qed isostni li tali sistema hija difettuza u saret din il-kawza fit-13 ta' Jannar 2010 quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur.

Illi mill-fatti esposti jirrizulta li wara li nxtrat l-istess sistema f'Dicembru 2006 minn Jannar 2007 bdiet tfaqqa s-salvavita u kienu saru xi verifiki u modifiki mill-adetti tal-konvenut; jidher li l-problemi baqghu jissusstu u fis-sena 2009 saret decizjoni mill-appellati li jsir heating element addizzjonali, li sar izda skond l-appellanti dan ma thallasx. Wara l-atturi ddecidew li jaghmlu upgrade tas-sistema li kien jiswa €190, izda peress li l-atturi ma riedux ihallsu ta' dan mal-konsenja tal-istess baqa' ma sar xejn u allura saret din il-kawza.

Illi minn dawn ir-rizultanzi jirrizulta li l-azzjoni ttenta mill-atturi hija l-azzjoni redibitoria minhabba difett latenti allegat fis-sistema, li fil-verita' mill-provi prodotti ma giex ippruvat fil-grad rikjest mill-ligi, ghaliex ma hemmx prova ghaliex din is-sistema ma kienitx allegatament qed tahdem. Fil-fatt il-provi prodotti quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur huma skarsi dwar dan u ma hemm l-ebda opinjoni teknika la ex parte u lanqas ta' xi espert imqabbad mit-Tribunal. Illi kif inghad fis-sentenzi **"Reuben Briffa et vs Joseph Mallia et"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) u **"Pierre Ciantar vs Mario Mallia nomine"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2001) ma hemm l-ebda dubju li sabiex tirnexxi din l-azzjoni redhibitorja tali difett latenti jew mohbi jrid jezisti fil-mument tal-bejgh fl-oggett mertu tal-bejgh u xiri. Din il-prova ma jidhirx li saret u ghalhekk f'dan l-istat tal-provi din il-Qorti thoss li l-

allegazzjoni tal-atturi fil-kawza lanqas fil-verita giet ippruvata fil-grad rikjest mill-ligi, u dan fis-sens li ma hemm ebda prova li l-oggett mertu tal-kawza kien affett minn difett latenti fil-mument li gie mibjugh u ikkonsenjat lill-atturi.

Illi jinghad ukoll li jekk kemm-il darba din l-azzjoni hija dik kontemplata abbazi tal-**artikolu 1427 tal-Kap. 16** jirrizulta li tali azzjoni trid tigi esperita fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha jew mid-data minn meta setgha jiskopri d-difett. Issa tenut kont tal-fatt li l-atturi stess jghidu li f'Jannar 2007 din is-sistema mill-ewwel bdiet tfaqqa s-salva vita, mela allura certament li minn dak iz-zmien din l-azzjoni setghet u kellha tigi espirita u la darba dan jidher li ma sarx, anzi jidher li l-azzjoni saret biss fit-13 ta' Jannar 2010 mela allura jidher li din l-azzjoni hija preskritta abbazi tal-**artikolu 1431 tal-Kap. 16.**

Illi gie in kwantu jista' jinghad li l-azzjoni hija proponibbli taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 74, 75 u 76 tal-Kap. 378** u jinghataw ir-rimedji hemm kontemplati, din il-Qorti jirrizultala li anke hawn l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi peress li sabiex dawn il-provedimenti jkunu jistghu jigu applikati l-appellati kellhom skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 79 (1) tal-Kap. 378** *"…l-konsumatur ghandu javza lill-kummercjant b'kull nuqqas ta' konformita' fi zmien xahrejn mid-data li l-konsumatur ikun intebah b'dak in-nuqqas ta' konformita".* Dan jista' jsir skond l-**artikolu 79 (2) tal-Kap. 378** anke permezz ta' att gudizzjarju jew ittra registrata. Issa dan ma giex ippruvat li sar mill-appellati l-atturi u ghalhekk lanqas taht dawn id-dispozizzjonijiet l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Illi ghalhekk l-azzjoni attrici qed tigi michuda.

## III. KONKLUZJONI

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' d-difiza sollevata mill-appellant Joseph Grech fil-kwalita' tieghu premessa kif

sottomessa minnu fir-risposta datata 29 ta'Jannar 2010 u l-verbal datat 29 ta' April 2010 u dan in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba datata 13 ta' Jannar 2010 tal-atturi Christian u Antonia Formosa quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Tal-Konsumatur** ghaliex hija fondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi u wkoll ghaliex tali azzjoni hija perenta abbazi tal-**artikolu 1431 tal-Kap. 16.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellati atturi Christian u Antonia Formosa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------